MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru. 34/2001

PULIZIJA
SUPRETENDENT CARMELO BARTOLO
VS
OLAF CINI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Olaf Cini, ta’ 40 sena, iben il-mejjet Loris u Elvira nee’ Attard, imwieled Paola nhar is-17 ta’ Lulju 1960, residenti 56, Ghajn Dwieli Road, Paola u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 539560(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-31 ta’ Marzu 1999, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe’ lis-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, u cioe attentat vjolenti ghall-pudur, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, liema akkuza falza kienet ta’ delitt,

suggett ghal piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perijodu ta’ bejn l-14 ta’ Marzu 1999, u x-xahar ta’ wara din id-data, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd u cioe tas-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, wegghu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor, liema ingurja saret b’kitba, b’figuri, jew b’disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta’ Marzu 1999, bil-qerq halaq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, u cioe s-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta’ Marzu 1999, iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq, halaq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati mill-Qrati tal-Gustizzja ta’ Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat (ara fol.209);

Rat il-Verbal tal-15 ta’ Gunju 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo rrizulta illi in segwitu ta' artikolu minn fuq il-gazzetta, The Malta Independent ta' l-14 ta' Marzu 1999, intitolat "Olaf Cini: His Story" kien gie ppublikat artikolu dwar grajja fil-hajja ta' l-imputat fejn zvela illi hu kien gie abbuzat sesswalment minn Surgent tal-Pulizija waqt illi kien f'Ginevra. Illi ghaldaqstant is-Supretendent gie mitlub mis-superjuri tieghu sabiex jibghat ghas-surgent u jibdew l-investigazzjonijiet necessarji.

Gie ezebit dan l-artikolu tal-gazzetta The Independent bhala Dok.CB1 (a fol.53)

L-imputat, Olaf Cini, gie mitkellem mill-Pulizija. Dwar din l-investigazzjoni s-Supretendent Bartolo spjega lil Qorti illi, waqt proceduri kontra l-imputat rigwardanti bigamija, meta l-Ufficjal Prosekutur (l-ex Supretendent Peter Paul Zammit) inzerta bil-*paternity leave*, l-imputat gie mitlub imur fl-ufficju, fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Meta mar hemmhekk, l-imputat Olaf Cini, sab lil Surgent 94 Mario Camenzuli li nfurmah li issa kien ser ikun jaf x'inhi investigazzjoni tal-Pulizija. Hemmhekk kien arrestah u zammu l-*lock up*.

Is-Surgent Camenzuli nforma lill-imputat illi certu Joe Fava, Jean Pierre Fava, Martin Bonnici, Anthony Ghigo u Joseph Micallef kienu nfurmaw lil Pulizija illi Olaf Cini kellu jaghtihom somma flus sostanzjali li kienet mizmuma fl-esteru u ghalhekk kellu jsiefer maghhom biex jispjegalhom fejn kienu l-*accounts* tieghu, jew inkella jitressaq il-Qorti. Olaf Cini kien informa lis-Supretendent Bartolo illi kien is-Surgent 94 li ttajpja rikors sabiex Cini jinghata permess isiefer waqt il-proceduri kriminali tal-bigamija. Di piu', skond l-imputat, is-Surgent Camenzuli kien sahansitra ttajpja ittra fejn zamm lil genituri ta' Olaf Cini responsabbli ghall-ispejjez li kienu ser jisborjaw in-nies indikati aktar 'il fuq, sabiex Cini jizvela fejn kienu l-*accounts* tieghu.

L-imputat informa lis-Supretendent Bartolo illi l-ghada, is-Surgent 94 kien akkompanja lil Dr. Tonio Azzopardi l-Qorti tal-Magistrati, fejn PS 94 kien informa lil Qorti, li Cini kien iddecieda li jaghmel tajjeb ghal flus li kellu jaghti lin-nies fuq indikati, u li s-Surgent: “Kien ser jakkompanja lil Olaf sabiex jara li ma jigrilu ebda hsara meta jkun hemm fuq.” (ara fol.15). L-imputat, Cini, informa lis-Supretendent Bartolo, illi PS 94 kien ta struzzjonijiet lil Joe Micallef u Tonio Ghigo sabiex jakkompanjaw lil Cini fid-dar tal-genituri tieghu, sabiex igib xi hwejjeg ghal din is-safra u **li dan kollu sar kontra l-volonta’ tieghu.** L-imputat stqarr illi kien informa lis-Surgent Camenzuli **illi huwa ma riedx isiefer: “Pero’ immedjatament is-Surgent Camenzuli qabad itini,” u ghamillu l-manetti.** (ara a fol.17) Fil-fatt kellu jintervjeni Joe Micallef biex ma jibqax jigi msawwat Cini. L-imputat, Olaf Cini, informa lis-Supretendent Carmelo Bartolo illi huwa kien siefer kontra l-volonta’ tieghu. L-imputat informa lis-Supretendent Bartolo illi hu kien ilmenta mas-Surgent Camenzuli illi huwa kien inghata *pledge* u ghaldastant ma setghax jinzamm arrestat: **“Kif ghidtlu hekk lis-Surgent, rega’ qabad itini.”** (ara fol.18)

Olaf Cini spjega illi waqt illi kienu Ginevra, huwa kien gie akkumpanjat mis-Surgent 94 u Joe Fava sabiex jiltaqghu ma’ Roger Meibach, waqt illi Joe Micallef, Tonio Ghigo u Jean Pierre Fava marru b’taxi ohra. Olaf Cini spjega illi waqt it-tahdid illi huwa kellu ma’ Roger Meibach, dan kien qallu illi huwa kien cittadin liberu fl-Isvizzera u li hadd ma kien ser jaghmillu ebda hsara.

Illi minn hemmhekk, huma marru l-United Overseas Bank, **fejn Cini nforma lill-Ufficjali tal-Banek biex ma jizvelaw l-ebda informazzjoni dwar il-*bank accounts* tieghu** ghax kien **qed jopera kontra l-volonta’ tieghu**: “U spjegali illi kif is-**Surgent Camenzuli sar jaf dan, hu u Joe Fava qabdu mmedjatament jhedduh.”** (ara fol.31) L-imputat stqarr illi huwa kien **gie kostrett icempel bank ta’ Chiasso** fejn huwa kellu hames mitt elf dollaru **($500,000)** u haseb illi dana kollu kien ser jipplaka lil kredituri, izda minn hemmhekk is-sitwazzjoni marret ghall-

aghar ghax is-Surgent Camenzuli u Joe Fava: “Riedu issa dawn il-flus” (ara fol.22)

Olaf Cini nforma lis-Supretendent Bartolo illi l-kelliema kienu Joe u Jean Pierre Fava u s-Surgent Mario Camenzuli. L-imputat, Olaf Cini, spjega lill-Ufficjal Prosekutur illi kienu iwasslu tard wisq ghal Bank ta’ Chiasso u ghaldaqstant kellhom imorru go Hotel: “Fejn hemmhekk **jiena rqadt f’kamra tas-Surgent Camenzuli u dan lanqas kien nehhini minn taht ghajnejh ghall-icken mument kemm domt hemmhekk.”** (ara a fol.23)

**Olaf Cini allega illi s-Surgent Camenzuli kien zammu msakkar fil-kamra tas-sodda minghajr hwejjeg waqt illi Camenzuli u Joe Fava kienu marru jieklu.** (ara a fol.23)

Olaf Cini allega wkoll illi s-Surgent 94 kien **qatghalu s-sett tat-*telephone*** sabiex dan ma jaghmel l-ebda telefonata. Olaf Cini nforma lill-Ufficjal Prosekutur illi Joe Fava kien **heddu biex ma jaghmel ebda hoss** biex jigbed l-attenzjoni ta’ l-impjegati tal-lukanda, u **heddu bil-familja tieghu f’Malta**. (ara a fol.24)

Olaf Cini informa lil Meibach biex **jghid lid-Direttur ta’ Chiasso Bank sabiex jiffriza l-*accounts* il-ghaliex hu (Cini) kien qed jigi mgieghel johrog dawn il-flus kontra l-volonta’ tieghu u Mario Camenzuli u Joe Fava qabbdu jsawtuh**. Hemmhekk gie deciz illi jergghu jmorru Ginevra u qabbdu t-*train* u waqt il-vjagg, **Camenzuli baqa’ jhedded lil Cini** illi kif jaslu Malta ser jitressaq il-Qorti.

Meta waslu Ginevra, marru fil-lukanda Des Alpes u ltaqghu ma’ Joe Micallef, Tonio Ghigo u Jean Pierre Fava. **Kienu qaffluh go kamra** waqt illi huma ltaqghu fil-kamra l-ohra sabiex jiddiskutu x’kellhom jaghmlu. Sussegwentement kienu nfurmawh illi kienu **kkidnepjaw lit-tifla tieghu u li hu kellu jhallashom inkella ma kienx ser jara lil bintu izjed.** Olaf Cini jghid illi Joe Micallef u Tonio Ghigo nfurmawh illi huma ma kellhom x’jaqsmu xejn ma’ dawn l-affarijiet u li kienu ser jinzlu Malta.

Olaf Cini spjega illi huwa beda jinsisti sabiex ikellem lil martu u wara hafna, thalla jitkellem ma’ martu, pero’ fil-prezenza ta’ dawk in-nies kollha. **Meta nduna illi bintu qatt ma kienet f’perikolu: “Kien ifferocja u ddecieda illi ma jibqax jikkowopera**,” u minn hemmhekk **kien qal lin-nies kollha illi ma kienx ser jatihom sold**. Fil-fatt Tonio Ghigo, Jean Pierre Fava u Joe Fava kienu nizlu Malta, pero’ Mario Camenzuli ma riedx icedi. L-ghada kien il-*birthday* tieghu u kienet cemplitlu l-mara tieghu f’xi l-ghaxra u nofs (10:30) biex tifrahlu izda Mario Camenzuli qalilha li kien rieqed u dana semplicement halli ma jhalliehx ikellimha. Fil-fatt kien qabez ghalih Joe Micallef u nsista illi Camenzuli jghaddih it-*telephone*. Waqt din il-konversazzjoni mal-mara tieghu, **l-imputat jghid illi Camenzuli kellu idu taghfas fuq il-parti ta’ wara t’ghonqu sabiex jassigura illi Cini ma jghid xejn lil mara tieghu. Wara dan Joe Micallef kien hareg ftit u s-Surgent Camenzuli qallu l-kliem:**

***“ ‘Ejja ha ntik birthday present’. Nezzali l-qalziet, zammli idejja t-tnejn ‘il quddiem u b’id wahda, waqt illi kont mixhut wicci fuq is-sodda, taghni daqqa ta’ ponn go nofs dahri, fil-parti t’isfel, nizzel l-qalziet ta’ taht huwa wkoll. Gie fuqi minn wara u bdejt inhoss il-parti genitali tieghu mal-parti ta’ wara tieghi. Ma stajtx niccaqlaq minn kif kont, jiena bdejt nghajjat u gie Joe Micallef jigri u rah fuqi waqt li pprova jabbuza sesswalment minni. Dak il-hin Joe Micallef imbuttah minn fuqi u ghamel ghalih. Mario Camenzuli qallu illi kien qed jiccajta mieghi.”***

Minn hemmhekk Joe Micallef hargu mieghu u akkompanjawh sa Milan sabiex jiltaqa’ ma’ certu Maria Gueli. **Micallef halla lill-imputat ikellem lil Maria Gueli liberament u Micallef irritorna lura Ginevra wahdu**. Waqt illi kien Milan ma’ Maria Gueli, l-imputat jghid illi kien cempel lil mara tieghu, kien taha rendikont ta’ l-affarijiet kollha illi kienu grawlu u ta struzzjonijiet sabiex hi ccempel lill-Ispettur Peter Paul Zammit u tghidlu b’dana kollu. Fil-fatt l-Ispettur Peter Paul kien cempillu ftit wara u qallu biex jinzel lura Malta. Bl-assistenza ta’ Maria Gueli u Roger

Meibach, waslu Ginevra. Hemmhekk Mario Camenzuli u Joe Micallef iddeciedu li jinzlu Malta wkoll flimkien u kif waslu fl-ajruport ta’ Malta, l-imputat rega’ gie arrestat minn Mario Camenzuli u ttiehed l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar fid-19 ta’ Lulju, 1994.

Fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, Mario Camenzuli rega’ beda jinterroga lill-imputat fil-prezenza ta’ Joe Fava u Jean Pierre Fava. L-imputat jghid illi meta ma bediex jirrispondi, **Camenzuli beda jsawtu bil-harta**. Illi di piu’, Joe Fava, ippropona li ssir karta fejn l-imputat jiddikjara li jekk ma jhallasx il-flus li huma dovuti li **huwa kellu jichad il-paternita’** (“il-patrocinju”) tat-tifla tieghu stess. (ara fol.61) Hawnhekk Tonio Ghigo ddecieda li jitlaq ‘il barra. Mario Camenzuli hemmhekk iddecieda li jcempel lil Joe Mifsud, gurnalist tal-Kullhadd u beda jintervista lil Joe Vassallo fl-istess ufficju. Wara dan l-imputat ittiehed il-*lock up*, imma wara ftit regghu tellawh fl-ufficju u meta mar il-Pulizija biex inehhielu l-manetti, Camenzuli tah kontro ordini, izda dan il-Pulizija xorta wahda qabad u nehhielu l-manetti. Immedjatament Mario Camenzuli rega’ qieghed sett manetti li kienu tieghu. Ftit wara dahlu Joe Fava, Jean Pierre Fava u Joe Micallef u waqt l-interrogazzjoni, Olaf Cini, jaghzel illi ma jirrispondi xejn, **Camenzuli fferocja u qalbu minn fuq is-siggu fl-art, ghollieh mill-art ghal mat-tieqa, tah daqqtejn u kellu jintercedi ghalih Joe Micallef.** Cini nforma **lil Pulizija li Joe Fava beda jtih bis-sieq** u tant qamet kommuzzjoni illi **kienu telghu l-Pulizija minn isfel halli jaraw x’kien qed jigri**. Camenzuli nfurmahom illi **l-imputat kien qed jipprova jahrab**. L-ghada filghodu kien gie rrilaxxat u minn hemmhekk kien baghat ghalih l-ex Supretendent Peter Paul Zammit u li kien irrakkontalu dak kollu illi kien ghadda minnu. Cini xehed illi Mario Camenzuli kien hemmhekk u kien qieghed jippakkja l-affarijiet tieghu il-ghaliex kien gie trasferit.

Cini xehed illi huwa **ma talabx ghall-assistenza tal-Pulizija l-Isvizzera** ghax beda jibza mill-gurnali ta’ Malta u beda jibza il-ghaliex kien halla lil martu u lil bintu f’Malta. Mistoqsi **ghaliex marx ghand tabib in segwitu ta’ lis-swat illi kien qala**, l-imputat iwiegeb fin-negattiv **il-**

**ghaliex ma halla ebda marka fuq il-persuna tieghu**. Cini stqarr illi, darba wahda qabel ma kien siefer, kien baghat ghalih l-ex Supretendent Peter Paul Zammit meta dahal Joe Vassallo, **xejjirlu daqqa ta' ponn go halqu u hariglu d-demm tant illi kellu jintervjeni l-istess Peter Paul Zammit.** Mistoqsi ghalfejn ma kienx informa lil Magistrat Meli illi huwa ma riedx isiefer minn Malta, l-imputat qal illi huwa **kien beza' minn Mario Camenzuli ghax kien bniedem *"rough"* u ta' natura agressiva**. (ara stqarrija a fol.62) L-imputat stqarr ukoll illi huwa kien inkwetat illi skond ir-rikors huwa kellu jaghmel biss jumejn barra minn Malta, fil-fatt kien dam sebat ijiem u li Camenzuli kien qallu li sakemm kien qieghed mieghu hadd ma seta' jaghmillu xejn.

L-Ufficjal Prosekutur Carmelo Bartolo ezebixxa Dok.CB3 (a fol.63) – skrittura privata bejn il-genituri ta' l-imputat u Joe Micallef, fejn dawn jiggarantixxu s-somma ta' *two thousand five hundred pounds* (Lm2,500) prezz tal-vjagg ghal Ginevra kemm-il darba l-imputat Olaf Cini ma jonorax id-debiti dovut lil Joseph Micallef et.

Superentendent Carmelo Bartolo ezebixxa Dok.CB4, stqarrija ta' PS 94 Mario Camenzuli.

Fit-tieni stqarrija tieghu, Olaf Cini, kkonferma l-istqarrija li ghamel il-Pulizija, l-allegazzjonijiet kontra Surgent 94 Mario Camenzuli. Hu stqarr illi meta siefer huwa kien tella *suit* kompluta, qmis, ingravata, flimkien ma' sett hwejjeg ta' taht u **qalziet tal-*pygama*.** Kien tella dawn il-ftit hwejjeg ghax il-vjagg kien biss gurnata. Ikkonferma wkoll (a fol.69) **illi kieku ried seta' tella iktar hwejjeg**. Zied jghid illi **hu kien accetta biex isiefer ghaliex gie mhedded** kif spjega fl-ewwel stqarrija. In oltre', il-genituri tieghu gew sfurzati biex jiffirmaw skrittura. **L-imputat accetta illi d-dikjarazzjoni li giet iffirmata mill-genituri tieghu kien hu l-istess illi insista illi jsir fl-Ghassa tal-Pulizija**. Dana sabiex ikollu prova illi dak li kien qed jaghmel kien b'theddid u jkollu prova ta' dan kontra s-Surgent Mario Camenzuli. **A fol.70, l-imputat jammetti illi huwa kien insista hafna biex issir din is-safra u sabiex ikun hemm il-prezenza ta' Mario Camenzuli**. L-

imputat ikkonferma illi **qatt ma kien mar ghand tabib** ghal rigward tal-griehi illi garrab u li meta tkellem ma' l-avukat tieghu dan issuggerielu illi ma jmexxix biex ma jaggravax is-sitwazzjoni tieghu.

L-imputat fit-tieni stqarrija tieghu (a fol. 70) jerga' jirraferma l-fatt illi huwa kien **imsakkar fil-lukandi**, illi ma kienx vera illi huwa kien niezel jiekol ma' l-ohrajn. A fol.71, l-imputat jghid illi huwa ma ghamel ebda rapport falz lil Pulizija.

Fit-tieni stqarrija tas-Surgent 94 Mario Camenzuli (Dok.CB6 – a fol.72), is-Surgent tal-Pulizija baqa' jichad l-allegazzjoni migjuba kontra tieghu mill-imputat.

PS 562 Anthony Portelli (a fol.73) ikkonferma l-prezenza tieghu fl-ewwel u t-tieni stqarrija tas-Surgent Camenzuli.

Ex-PS 94 Mario Camenzuli, fix-xhieda tieghu (fol.78), sostna illi huwa ghamel hamsa u ghoxrin (25) sena *service* fil-Pulizija u kien irtira mis-servizz. Waqt illi kien fis-servizz kien ghamel zmien jahdem fis-sezzjoni tas-CID, l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, taht l-Ispettur Peter Paul Zammit. Ex Surgent Camenzuli kkonferma l-istqarriji tieghu fix-xhieda illi ta quddiem din il-Qorti. Ikkonferma li fil-mori ta proceduri kriminali rigward bigamija, (li kienu ngabu kontra l-imputat) l-imputat jinghata awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati biex isiefer ghal gurnata u dana sabiex l-imputat ikun jista' jizbanka l-flus illi kellu fl-esteru u jhallas lil kredituri tieghu. Is-Surgent Camenzuli xehed (a fol.81) illi Dik l-Qorti kienet ghamlitha cara illi jitla' mieghu u jinzel mieghu biss. Xehed li kien zamm lil Ex-Superentendet Peter Paul Zammit aggornat bic-cirkustanzi kollha. Surgent Camenzuli xehed illi kienu waslu l-Isvizzera, Ginevra u meta marru fl-ewwel bank iltaqghu ma' Meibach bic-cavetta ta' *safe deposit box* li kienet giet moghtija mill-imputat lill-Pulizija f'Malta, gara pero', illi fil-fatt, l-imputat ma kellu ebda *safe deposit box*. Meta marru fit-tali Bank f'Ginevra, l-Ufficjali tal-Bank ikkonfermaw illi l-imputat ma kellux flus f'dak il-Bank. Minn hemmhekk l-imputat kien qalilhom illi kellu Bank iehor f'Lugano u allura s-Surgent kien informa b'dana kollu lill-

ex Supretendent Peter Paul Zammit. Camenzuli xehed illi Roger Meibach kien hadhom bil-karozza tieghu f'Lugano. Camenzuli xehed illi kwazi kienu ser jigu arrestati il-ghaliex l-**Ufficjali tal-Bank hasbu illi kienu komplici ma' l-imputat.** Camenzuli kkonferma illi sahansitra Olaf Cini kien qal lil kredituri tieghu illi setghu jiehdu l-flus mill-Bank ta' Milan bil-ghajnuna ta' Maria Gueli, pero' wara li waslu f'Milan, din il-mara kienet avukata ma' l-Ufficju ta' l-Avukat Generali ta' Milan, illi fil-fatt mhux talli ma kinitx *partner* tieghu izda kienet ukoll kreditur ta' Olaf Cini u fil-fatt meta ratu ma' wiccha nfaqghat tibki. Illi wara dan minhabba l-fatt illi diga kienu ghamlu hafna spejjes fis-safra, il-kredituri kienu ddeciedu illi jigu lura Malta. Camenzuli kkonferma illi "Olaf Cini kien insista illi jaghmel tajjeb missieru… kienu gew l-ufficju taghna go Haz-Zabbar, kienet saret karta fejn iffirma missieru, ommu u kemm huh u hemm il-firma tieghi fuq din il-karta fejn kienu qed jaghmlu tajjeb bhala garanzija ghal din is-safra." (ara fol.86) Camenzuli nnega illi huwa kien b'xi mod gieghel lil genituri ta' l-imputat jiffirmaw din il-garanzija (ara xhieda a fol.88), innega illi ddraftja dokument huwa stess. Jghid pero' li kien possibli li seta' pprintjaha hu mill-*computer* ta' l-ex-Superentendet Zammit. A fol.91, is-Surgent Camenzuli nnega illi huwa kien iddraftja jew ittajpja r-rikors ghall-awtorizazzjoni tas-safar ghall-imputat. Ikkonferma illi l-Qorti tal-Magistrati kienet tat l-awtorizazzjoni ghas-safar. Jinnega illi fl-assenza ta' l-ex Supretendent Peter Paul Zammit, qabbad u baghat ghal Olaf Cini biex jinterrogah izda kkonferma illi fuq struzzjonijiet ta' l-ex Supretendent Peter Paul Zammit huwa kien cempillu biex jatih l-appuntament illi kien tah l-ex Supretendent Peter Paul Zammit.

Ghal rigward l-allegazzjoni tas-swat u fuq l-abbuz sesswali l-ex Surgent Camenzuli jichad dawn l-allegazzjonijiet u jghid illi, ***"Din hija gidba u li din hija, ghalija, vendikazzjoni personali ta' affarijiet li dan qallaghhom wara ftit snin."*** (ara xhieda a fol.95, 98 u 99)

Camenzuli xehed illi Joe Micallef u l-imputat kienu marru wahedhom ghal Maria Gueli f'Milan u dana il-ghaliex hu

kien qam ma jiflahx. A fol.102, l-ex Surgent Camenzuli jerga’ jghid illi hadd, la hu u lanqas il-kredituri ma’ sawtu lill-imputat.

Supretendent Raymond Vella Gregory (a fol.130 et seq.) xehed li kien jaf lill-imputat in konnessjoni ma’ investigazzjonijiet illi kien wettaq. Jinnega illi Olaf Cini qatt qallu kliem fis-sens illi ried ipattiha lill-ex Superentendent Peter Paul Zammit jew lill-ex Surgent Mario Camenzuli u anke kieku stess qallu dan id-diskors Cini, zgur li ma kienx ser jirrepetiha lil Camenzuli jew li Zammit. Xehed illi huwa dahal fl-investigazzjoni wara l-mawra ta’ l-imputat ma’ Camenzuli u l-kredituri fuq indikati. Xehed illi ma jafx illi kien hemm awtorizazzjoni minn xi Qorti, ghall-iskorta ta’ Camenzuli ma’ l-imputat.

Tony Ghigo (a fol.151) ikkonferma illi l-imputat kellu jatih flus dovuti fuq xi *commission* ta’ negozju fuq zokkor u li l-imputat qatt ma kien radd lura l-*commission* dovuti ta’ miljun Dollaru American. Tony Ghigo xehed illi huwa u John Micallef, diretturi tal-Kumpanija Golden Press, u qal illi l-imputat kien ilu jipprometti li jonora dan il-hlas. In fatti kienu vvjaggaw diversi drabi minn Malta biex jithallsu mill-imputat izda ghalxejn. Dana huwa ghamluh ukoll akkompanjati minn Surgent tal-Pulizija. Peress illi huma kienu diga’ nefqu hafna flus bi sforz sabiex jithallsu, meta siefru l-ahhar darba ma’ l-imputat kienu ottjenew garanzija minghand il-genituri ta’ l-imputat biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes tas-safar. Tony Ghigo xehed illi meta ra illi l-imputat ghal darba ohra ma kienx onora l-weghediet tieghu, kien iddeciedi illi jinzel lura Malta dik il-gurnata stess jew l-ghada. Ghigo xehed illi hadd ma mmaltratta lill-imputat fil-prezenza tieghu. A fol.159, Ghigo xehed illi huwa kien prezenti ghal garanzija illi ffirmaw il-genituri ta’ l-imputat u li hadd ma kien gie sfurzat jaghmel xi haga fil-prezenza tieghu.

Ghal rigward ta’ ikel, Ghigo xehed illi waqt illi hu kien ghadu barra, l-kredituri kienu qeghdin jistaqsu lill-imputat x’ried jiekol u li kien jaghzel dak li ried hu u kien hallas Ghigo.

Joseph Micallef (a fol.174) ikkonferma illi l-imputat kellu jatih ammont sostanzjali ta' flus u li l-imputat kien iddecieda illi jsiefer sabiex ikun jista' jhallashom. Micallef ikkonferma illi dak iz-zmien l-imputat kellu proceduri kriminali ta' bigamija kontra tieghu u kien jehtieg awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati sabiex isiefer. Wara illi sehhet din l-awtorizzazzjoni, kienu siefru hu (Joseph Micallef), Tony Ghigo, Olaf Cini, Joe Fava, Jean Pierre Fava u s-Surgent Mario Camenzuli. Micallef ikkonferma illi qabel ma siefru, Micallef ried lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-mawra. L-imputat kien hareg bl-idea illi jissellef il-flus minghand il-genituri tieghu. Meta marru d-dar tal-genituri ta' l-imputat, kien hemm hu l-imputat illi beda jirrabja mal-genituri tieghu u beda jghidilhom biex ma jafdawx lill-imputat fuq kwistjonijiet ta' flus. Illi minn hemmhekk l-imputat hareg bl-idea tal-garanzija ghal genituri tieghu u beda jinsisti illi din il-garanzija ssir fl-Ghassa tal-Pulizija u mhux quddiem nutar jew avukat. Joseph Micallef xehed illi hadd ma nsista jew ghamel pressjoni fuq il-genituri ta' l-imputat biex jiffirmaw din il-garanzija hlief l-imputat. Micallef ta spjegazzjonijiet ta' dak kollu li gara mal-banek u ma' Maria Gueli. Ikkonferma illi l-imputat kien raqad fil-kamra ma' Camenzuli u ma' haddiehor u gieli kien fosthom u li l-atmosfera kienet wahda normali. Joseph Micallef innega illi f'xi hin ra lill-imputat bil-manetti, illi l-imputat kien jiekol normali bhalhom u li kulhadd kien jiekol ikel ta' l-istess kalibru. Micallef cahad illi Olaf Cini qatt ilmenta fuq xi agir ta' Camenzuli mieghu. Innega illi t-*telephones* tal-kmamar kienu maqlughin. A fol.198, **Micallef jghid illi kien l-imputat li ried lil Mario Camenzuli prezenti**, "Peress illi kien ser ikun hemm il-flus *cash* bhala protezzjoni." Micallef ikkonferma wkoll illi gieli kien johrog l-imputat sabiex icempel wahdu. Illi kien hemm perijodi sostanzjali fejn kien wahdu l-imputat, per ezempju, meta wassluh sa Milan u **fil-fatt kien thalla Milan wahdu sabiex jaghmel l-arrangamenti ma' Maria Gueli**. Micallef jghid illi meta waslu Malta, huwa ma rax lill-imputat bil-manetti. Micallef xehed (a fol.205 sa 207) illi Camenzuli ccajta naqra goff ma' Olaf Cini izda din **saret darba wahda biss u li kulhadd kien liebes**.

Joseph Fava (a fol.217) ikkonferma illi l-imputat kellu jatih ammont sostanzjali ta' flus fuq *commissions* ta' negozju u ta xhieda dettaljata (fol.217 sa fol.220) dwar it-tragitti li kien ghamel hu, flimkien ma' l-avukat tieghu Dr.Andrew Borg Cardona, bi sforz sabiex jithallsu. Fava xehed illi huwa kien kellem lil habib tieghu Meibach minn Merill Lynch, sabiex meta jigi mhallas bil-flus dovuti, inghata parir dwar kif kellhom jigu trazmessi Malta legalment. Joseph Fava xehed illi l-imputat kien qalilhom illi huwa kellu *safe deposit box* u li kellu jiftaha hu biss, ghax ma jafda lil haddiehor minhabba l-miljuni kbar illi kellu fiha (ara fol.222). Fava xehed illi huma kienu siefru ghal gurnata wahda biss, ghaldaqstant hadd ma kellu bagalji. Fava kkonferma t-tragitti kollha minn bank ghall-iehor, u li kollox safa ghal xejn. Ikkonferma illi l-imputat dejjem kien maghhom f'*restaurants* normali u li kien jordna ikel maghhom. Fava jinnega illi l-imputat ilmenta mieghu li xi hadd ipprova jattakkah sesswalment (ara xhieda a fol.233) jew li l-imputat kien qed jigi msakkar f'kamartu, anzi jghid illi kien hareg passigata mas-sur Micallef. Fava kkonferma kif hu kien qata' qiesu minn ma' l-imputat f'qasir zmien u rega' rritorna Malta u li kienu cemplulu l-kollegi tieghu minn Ginevra u qalulu biex jikkontattja lil Maria Gueli biex jikkonfermaw maghha jekk kienx veru li hi kellha c-cavetta tas-*safe deposit box* ta' l-imputat u jekk kellux flus. Joseph Fava kkonferma illi hu kien ghamel din it-telefonata u li Maria Gueli kienet ikkonfermat illi kellha c-cavetta u l-flus fis-*safe deposit*. Illi sussegwentement kien ircieva telefonata minn Roger Meibach illi qallu li kien fl-appartament ta' Maria Gueli u qallu li din kienet ikkonfessat illi ma kellha fil-fatt xejn, **illi kienet qaltlu hekk il-ghaliex l-imputat kien heddidha**. Qaltilhom ukoll illi hija kienet kreditur ta' Olaf Cini.

PS 1266 ezebixxa Dok.PS1 (minn fol. 253 sa 258- ara xhieda a fol.259).

Jean Pierre Fava (a fol.266) ikkonferma x-xhieda ta' missieru, Joseph Fava, kkonferma illi huwa u missieru kienu tellghu biss *hand-luggage* u Jean Pierre Fava kkonferma illi hadd mill-grupp taghhom ma wera xi aggressjoni fuq l-imputat. A fol.280, Jean Pierre Fava

jghid, “Ma rajtx agressjoni. Ma rajt ebda forma jew attitudni ta’ agressjoni minghand hadd.”

A fol.284 giet ezebita u mmarkata Dok.MC, digriet tal-Qorti tal-Magistrati datat 6 ta’ Lulju 1994. F’dan id-digriet, **fuq talba ta’ Dr. Tonio Azzopardi, l-avukat difensur ta’ l-imputat, Olaf Cini**, ghall-awtorizazzjoni ghas-safar ta’ l-istess Cini, “Ghal ragunijiet impellanti ta’ negozju li jinfluwixxu fuq l-ezitu ta’ natura kriminali, civili u investigazzjonijiet ulterjuri,” il-Qorti awtorizzat lill-imputat isiefer. Jirrizulta illi l-Qorti tal-Magistrati, b’dak id-digriet ma ordnat ebda skorta ta’ PS Camenzuli.

Gie ezebit digriet tal-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna, bid-data ta’ Lulju 1997.

Fit-tieni xhieda tieghu Mario Camenzuli baqa jsostni illi s-Superentendent Raymond Vella Gregory kien qallu illi l-imputat ried isallab lilu (Mario Camenzuli) jew lis-Superintendent Zammit.

Spettur Carmelo Bartolo ezebixxa Dok.CBX, fedina penali ta’ l-imputat u Dok.CBX1, l-att tat-twelid tieghu, flimkien ma’ zewg sentenzi Dok.CBX2 u Dok.CBX3

Fil-konfront bejn is-Surgent Mario Camenzuli u tas-Superentendent Raymond Vella Gregory, Mario Camenzuli baqa jishaq illi s-Superentendent kien qallu illi Olaf Cini kien qallu li l-Ex Surgent Camenzuli jew l-ex Superentendent Peter Paul Zammit, illum jew ghada jridu jpattuha, izda lis-Superentendent Raymond Vella Gregory ikkonferma biss illi l-imputat kien qallu kliem fis-sens li kulhadd kien ser jiehu dak illi haqqu.

L-imputat (a fol.337 et. seq.) xehed illi, “**Iddecidew illi jaghmlu rikors ta’ gurnata wahda,” sabiex hu jkun jista’ jsiefer** waqt proceduri kriminali fil-konfront tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Silvio Meli. L-imputat **jghid illi l-kredituri kienu ddecidew**, ghalkemm:
“***Dawn il-kredituri cioe Joe Micallef, Tony Ghigo, Joseph Fava u Jean Pierre Fava, illum il-gurnata spiccaw li huma kredituri***.”

L-imputat jghid illi dak iz-zmien huwa kien ghaddej b'investigazzjoni fuq frodi internazzjonali:

***"Ok, wara li rrizulta li ma kienx hemm international fraud , wara certu zmien."*** (ara xhieda a fol.337)

Aktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu, l-imputat, Olaf Cini, jghid illi **kien l-avukat tieghu illi ghamel dan ir-rikors ghas-safar. "*Issa jiena opponejt bil-qawwa kollha*"** (ara a fol.338) minhabba li kien ser isiefer mal-kredituri tieghu. L-imputat jghid pero' illi dawn **il-kredituri kellhom hafna influwenza fuq l-ex Surgent Camenzuli** u li dan kien ta' sikwit jibghat ghalih fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar biex jinterrogah. Xehed illi meta kien ikun hemm l-ex Superentendent Peter Paul Zammit ma kienux isiru l-kummiedji fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. L-imputat xehed illi dak iz-zmien huwa kien gie mghoti l-liberta' provizorja mill-Qorti:

**"X'*gara, that day li gabu r-rikors, jien gejt mizmum mis-Surgent Mario Camenzuli, l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, bl-iskuza biex ma ncempilx lill-Bank barra minn Malta u nikkancella xi dealings ta' hlas*."** (ara fol.338)

L-imputat, Olaf Cini, jghid illi l-banek tieghu, fl-Isvizzera kienu Credit Swiss u l-United Bank of Switzerland. L-imputat jghid illi huwa gie mizmum minghajr awtorizazzjoni tal-Qorti u kienu haduh ghand id-dar tal-mama tieghu biex dan jigbor hwejjgu halli jsiefer u ma hallewh jitkellem ma' hadd. Haduh immanettjat fid-dar tal-genituri tieghu, sakemm marru l-*airport*:

**"Hallewli lil Joseph Micallef u lil Anthony Ghigo** ghassa mieghi d-dar, **god-dar tieghi b'ordni ta' Mario Camenzuli."** (ara xhieda a fol.338)

Qabel ma marru l-*airport* jibghatu ghal genituri ta' l-imputat biex jiffirmaw kuntratti li jekk ma jasalx biex ihallas, il-genituri **tieghu jhallsu elfejn lira (Lm2,000) "Li jiena kont oggezzjonajt fuqha dik."** Din l-iskrittura

kienet giet ifformulatha minn Mario Camenzuli go l-Ghassa ta' Haz-Zabbar u l-genituri tieghu **kienu mgieghela jiffirmawha.** Mistoqsi b'liema mod gew imgeghelha jiffirmaw, l-imputat xehed illi **l-genituri tieghu gew infurmati li jekk ma jaghmlux dan, l-imputat kien ser jidhol fil-habs.** Illi ghalhekk illi l-genituri tieghu bezghu u ffirmaw:

**"Issa fuq dik il-karta, Joe Micallef ha naghmilha cara u tonda minn issa qabel ma inkompli, I don't need to keep that information, jien ma kellix intenzjoni li nhallas, huma kienu jafu li mhux ser inhallas straight forward, jien ma kontx se inhallas lil hadd lil ebda wiehed minnhom."** (ara xhieda a fol.339)

Mistoqsi mill-Qorti **allura <u>ghalfejn</u> siefer**, l-imputat xehed:

**"*Tellawni bilfors. Tellawni bilfors. Din ma tistghux tifmuha. Tellawni bilfors. Immanettjawni u tellawni u dhalt l-airport immanettjat*."**

Mitlub jghid ghaliex ma nfurmax lil avukat tieghu Dr. Tonio Azzopardi, l-imputat xehed illi ma thalla jaghmel ebda telefonata. L-imputat ikkonferma illi kienu siefru fuq ajruplan privat mikri minn Joe Micallef u li waslu Ginevra. Hemmhekk huwa qalilhom:

**"*Straight, tlajna ghalxejn. Huma bdew hekk, l-ewwel kien hemm Joe Fava illi refa' jdejh fuqi go Ginevra mbaghad Joe Micallef*."**

Mitlub jghid kemm hu twil Joe Fava, l-imputat jghid illi huwa twil xi *five feet eight inches* (5'8) u **qal illi tlieta jew erba' persuni hebbu ghalih f'salt**, illi hu ma kienx bniedem vjolenti u tal-glied. L-imputat qal illi appena dahhlu fl-ewwel bank ta' l-Isvizzera, **huwa nforma lill-Ufficjali tal-bank illi minn kien hemm mieghu kien Pulizija ta' Malta u awtomatikament "Dak ifisser illi kellu jixxatja l-kont kollu."** L-imputat xehed illi kienu talbu ghall-identifikazzjoni taghhom, raw il-manetti gol-baskett u nfurmaw lil Camenzuli li dan ma jistax jgorr

manetti ghax ma kienx ma' l-*Interpol*, ordnaw illi l-passaport ta' l-imputat jigi mghoti lil Cini u staqsew lill-imputat jekk kellux bzonn ta' assistenza:

**"*Issa jiena stajt tlabt assistenza dak il-hin u kont nigi assistit mill-ewwel imma jiena hawnhekk ghandi mara u tifla u kelli l-genituri tieghi u ma riedx naqla' nkwiet hawn Malta."* U allura rrifjuta l-assistenza.**

L-imputat, Olaf Cini, xehed illi l-kredituri ma jridux jitilqu u jirritornaw Malta u ghaldaqstant ibbukjaw Hotel Des Alpes, go Ginevra. L-imputat xehed illi tefawh go kamra ma' Camenzuli, ma' Joe Micallef u ma' Tony Ghigo u fil-kamra l-ohra kien hemm Joe Fava u t-tifel tieghu Jean Pierre Fava.

**"*Ovvjament kienu rough, jghajjtu mieghu…*"**

Ghal rigward tat-tieni bank (United Bank of Switzerland), l-imputat jghid illi l-kredituri kienu ghamlu mpressjoni qawwija fuqu. Zammewh go lukanda u **bdew jghajjtu mieghu li ser iduru ghal mara u ghat-tifla. L-imputat jghid illi dak il-hin huwa ppanikja. Huwa ried iserrah rasu illi l-mara u t-tifla kienu salvi u fl-ahhar hallewh jaghmel it-telefonata illi kienet qasira hafna.** L-imputat jghid illi minn gurnata wahda, il-mawra damet ghal hamest ijiem u li l-kredituri ma hallewx jaghmel telefonata lil avukat tieghu halli jara illi l-proceduri tal-Qorti kienu salvagwardjati. L-imputat, Olaf Cini, jghid illi huwa kellu jara kif jaghmel **biex isib mezz biex jinforma lill-ex Superentendent Peter Paul Zammit b'dak li kien qed jigri.**

**"*So I found an excuse to take a taxi and go down to Milano because there is a Magistrate li naf, Magistrate Maria Gueli, Magistrat tal-Guardia Di Finanza, ok? Ghax meta kont qabel, kont nahdem il-Grecja. Kien hemm kaz ta' International Fraud. Ma kelliex x'taqsam mieghu. Gejt mitlub l-assistenza tieghi mill-Guardia Di Finanza u int lil Guardia Di Finanza, bl-informazzjoni li kellu kif kienet taf li minn hemm?"*** (fol.343)

L-imputat xehed illi huwa kellu f'rasu li jikkuntatja lil Maria Gueli u jinzel Milan u xehed illi cempel lil Peter Paul Zammit bit-*telephone* taghha u qallu x'gara:

**"*Ghidtlu ghax fis-17 ta' Lulju biex jiccajta goff mieghi, Mario Camenzuli, konnha qeghdin fil-kamra, nezzaghli l-qalziet tal-pygama, l-qalziet li kelli fuqi all right, u beda jiccajta mieghi.*"**

L-Imputat xehed (a fol.344) illi meta raw il-kreditur illi: "*Ma ridtx nahdem*," nizlu Malta, ghaddew minn Londra u Mario Camenzuli cempel lis-*Super One*. Kif waslu Malta, sab lil gurnalisti tas-*Super One* jistennew bil-*camera*. L-imputat xehed illi kif nizel Malta gie mizmum ghal tmienja u erbghin siegha (48 hours).

L-imputat xehed illi huwa qatt ma ried illi jigi akkompanjat mis-Surgent Mario Camenzuli go bank esteru **meta huwa kien qed jigi nvestigat fuq *International Fraud*.** Kienu l-kredituri illi rieduh lil Mario Camenzuli. L-imputat **innega illi kellu bzonn xi protezzjoni.** L-imputat xehed illi huwa sahansitra kellu *meeting* ma' l-ex Kummissarju tal-Pulizija George Grech li sahansitra semmiha fil-gazzetta u dana il-ghaliex hassha offiza fuq dak illi ghadda minnu. L-imputat , Olaf Cini, xehed illi sal-gurnata tal-lum, **ma ghandu ebda sekwestru u hadd ma fittxu ghal danni jew biex jiehu xi flus.**

In kontro ezami, l-imputat xehed illi huwa kien ghaddej proceduri ta' bigamija fil-Qorti tal-Magistrati. Mistoqsi jekk kienx talab lil avukat tieghu biex jaghmel rikors f'Lulju tan-1994, l-imputat jirrispondi: **"Xi haga hekk kien, *yes*."** (ara xhieda a fol.345) Ftit wara jghid, **"*No*, mhux jiena tlabtu lil avukat."** Muri lilu r-rikors ta' l-avukat tieghu, Dr. Tonio Azzopardi, fejn talab ghan-nom ta' l-imputat, awtorizazzjoni mill-Qorti sabiex dan isiefer lejn Ginevra, **l-imputat wara diversi risposti evazivi**, jikkonferma **illi hu kien ta struzzjonijiet lill-avukat tieghu biex isiefer, pero' dan kien qabel** ma sar jaf li Mario Camenzuli kien ser isiefer mieghu. L-imputat xehed (a fol.347) illi meta sar jaf b'dana kollu, **huwa opponi bil-qawwa kollha** u ma

riedx jitla'. Mitlub jghid jekk kemm-il darba tax kontra-struzzjonijiet lil avukat tieghu, l-imputat jghid illi **wara dan huwa gie mizmum** milli jcempel lil avukat tieghu.

L-imputat, Olaf Cini, stqarr illi mill-mument illi huwa kien gie awtorizzat isiefer, cioe mis-6 ta' Lulju, sa kemm, fil-fatt, siefer fil-11 ta' Lulju, huwa **gie mizmum arrestat** ghal **granet shah bin-nies god-dar tieghu, joqghodu ghassa mieghu u dawn kienu** Joe Fava u Jean Pierre Fava. Mitlub jghid il-ghaliex appena gie lura minn Malta, ma tax istruzzjonijiet lill-avukat tieghu **biex jipprocedi ghall-arrest illegali kontra Joe Fava**, l-imputat **jghid illi ma tax dawn l-istruzzjonijiet**. Mitlub jghid jekk **qabbatx xi avukat iehor, l-imputat, Olaf Cini, wiegeb fin-negattiv u qal:**

**"*Ghax jiena ppretendejt illi jekk immur inkellem lil Kummissarju tal-Pulizija jisma minni, le? Almenu jiehu passi, imma ma hax. Ma hadux passi*."**

Mistoqsi jghid jekk ghamilx *complaint* formali mal-Pulizija fuq **dan l-arrest illegali, l-imputat wiegeb fl-affermattiv.** Mitlub jispjega c-cirkostanzi rigward l-iskrittura illi ffirmaw il-genituri tieghu, l-imputat jghid illi Joe Micallef kien mar id-dar biex jigbor lil genituri tieghu u jwassalhom sa l-Ghassa tal-Pulizija il-ghaliex Micallef riedhom jiffirmaw dan id-dokument. Mitlub jghid kemm-il darba siefer ma' dawn il-kredituri sabiex huma jkunu jistghu jigbru flushom, l-imputat jghid illi huwa **siefer maghhom <u>darba wahda biss</u> u li jibqa' jirrepeti dan l-istat ta' fatt xi sitt darbiet in fila**. A fol. 351, **l-imputat jammetti illi l-kredituri kienu telghu <u>hames</u> darbiet fuq struzzjonijiet tieghu** sabiex jigu rimborsati flushom fuq struzzjonijiet ta' l-istess imputat u dan dejjem inutilment. B'referenza ghal skrittura ffirmata mill-genituri tieghu, l-imputat, Olaf Cini, baqa jishaq illi l-genituri **tieghu gew imgeghelha jiffirmaw** din l-iskrittura u li Joseph Micallef kien fil-fatt mar ghalihom id-dar u hadhom sa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar biex jiffirmaw din l-iskrittura.

Mitlub jghid **kif gew** imgeghelha jiffirmaw, l-imputat, Olaf Cini (a fol.352) xehed illi l-genituri tieghu gew infurmati **illi**

**jekk ma jiffirmawx huwa kien ser jitressaq il-Qorti fuq dawn il-krediti u jintbaghat il-habs**. Mitlub jghid jekk xi hadd sawwatx lil genituri tieghu, l-imputat jghid illi kien hemm vjolenza bil-kliem, cioe vjolenza morali. Mitlub jispjega il-hwejjeg li ha mieghu ghas-safar, l-imputat jghid illi kien ha **gakketta, qmis u qalziet** kif kie ndiga spjega. Mitlub **jispjega kif allura fl-istqarrija tieghu** kien stqarr illi huwa kien **liebes il-*pygamas***, l-imputat jghid illi dawn kien **sellifhomlu** Joe Micallef. Wara illi gie rinfaccat b'dak illi kien stqarr fl-*istatement* tieghu (a fol. 61 u 62) u fl-istqarrija tieghu (a fol.75), **l-imputat kien qal li kien tella mieghu hwejjeg tal-*pygamas*** u hwejjeg ta' taht, l-imputat (a fol.353) baqa' jishaq illi huma **ma kienx tella *pygamas***. Mitlub biex jispjega kif jispjega d-diskrepanzi li saru fl-artikolu tieghu lil Malta Independent u dak illi allega fix-xhieda tieghu u cioe illi **waqt illi s-Surgent Camenzuli kienu qieghed jabbuzah sesswalment u Micallef kien zammu minn idejh**, l-imputat (a fol.354) jghid **illi kien veru li Joe Micallef kien zammu minn idu, izda mbaghad meta ra x'kien qed jaghmel Mario Camenzuli, kien imbotta lill-istess Mario Camenzuli**. Rinfaccat b'dak illi kien qal fl-artikolu illi ppubblika huwa stess (a fol.56), fejn qal **"Inserta dahal Joe Micallef f'dik il-kamra dak il-hin u mbotta lis-Surgent Camenzuli,"** l-imputat baqa jghid illi Joe Micallef l-ewwel zammu minn idejh u mbaghad mbotta lil Mario Camenzuli. A fol.356, l-imputat, Olaf Cini, ma setghax jippreciza jekk kienx ghamel barra minn Malta, hamest (5) ijiem, sebat (7) ijiem jew disat (9) ijiem. Mitlub jghid il-ghaliex ma kkowoperax il-verzjoni tieghu, l-imputat jghid: "***Jista' jkun ghax ma hallastux xehed hekk*. Jista' jkun. Jista' jkun kien urtat …"** (ara fol.356). Mitlub allura jispjega jekk kemm-il darba Joe Micallef kienx kreditur ta' l-imputat jew le, (a fol.357) l-imputat jghid:

"***No, ma kontx ifhimni**, it's a complicated story.*"

Ghal riward ta' l-ikel, l-imputat xehed (a fol.357) illi l-kredituri kienu jibghatulu *ham-burgers* fil-kamra tieghu u li hu qatt ma kienx nizel jiekol maghhom isfel fil-lukanda.

Mitlub **jispjega dan u jekk kemm-il darba xi hadd kien qaflux fil-kamra**, l-imputat xehed:

"***Le ghax*** *jiena ma kontx allowed ninzel, u kienu jaqilghu t-telephone wkoll."* (Ara xhieda a fol.357)

L-imputat jghid illi huma kienu jaqlawlu t-*telephone* minn mal-hajt. L-imputat xehed illi huwa **kien jobdi lil Mario Camenzuli** meta kien jghidlu li ma setghax johrog mill-kamra tieghu **il-ghaliex kien jaqla x-xebghat u s-swat minghandu**. A fol.359, l-imputat jinnega illi Maria Gueli fl-inkontru taghhom kienet taghtu daqqa ta' harta u kienet widbitu biex ma jdahhaliex f'inkwiet iehor. B'referenza ghal Roger Meibach, l-imputat jikkonferma illi huwa kien iltaqa' mieghu u li kien rikeb fil-*land rover* tieghu biex marru Ginevra. Mitlub jispjega il-ghaliex ma marx jaghmel certifikat tat-tabib, rigwardanti s-swat illi kien qala, l-imputat rega' afferma illi ma kienx mar ghand it-tabib ghax ma kellux ksur (ara fol.364). Mitlub jghid min kienu l-kredituri tieghu, l-imputat jghid:

**"*Dak iz-zmien kien irrizulta minn investigazzjonijiet li Joe Micallef u Anthony Ghigo kienu vera kredituri, wara tfacca li ma kienux lanqas huma l-kredituri wara l-investigazzjonijiet man-Nutar fil-profond.*"** (ara xhieda a fol.364)

Mitlub jispjega **kemm-il darba kienx hu li mar jaghmel ir-rapport**, kif xehed, jew kienx il-Kummissarju tal-Pulizija illi baghat ghalih, kif qalu fl-*statement* tieghu, l-imputat jghid (a fol.365) **illi hu kien talab biex ikellem lil Kummissarju tal-Pulizija u li dan kien baghat ghalih.** Mitlub jghid liema verzjoni kienet il-verita', jekk kemm-il darba l-mara tieghu kienet telqitx mid-dar il-ghaliex kien hemm l-irgiel li zammewh arrestat fid-dar tieghu, jew inkella il-ghaliex il-mara tieghu kienet telqet mid-dar minhabba l-kawza tal-bigamija, l-imptutat xehed (a fol.365) illi l-mara tieghu kienet telqet mid-dar, wahda, minhabba l-kawza tal-bigamija u tnejn, minhabba l-irgiel li kienu jkunu d-dar.

Mitlub ripetutament mill-Qorti, jekk il-mara kinitx diga telqet mid-dar **qabel** l-irgiel li kienu gew id-dar, l-imputat **ammetta illi l-mara tieghu kienet diga' telqet**. A fol.365 u fol.366, l-imputat ammetta illi minkejja dak illi xehed fuq l-istruzzjonijiet li ta lil mara tieghu, f'kaz illi ma jirritornax minn barra, l-imputat **ammetta illi l-mara tieghu, fil-fatt, ma kinitx infurmat b'dana kollu lil Pulizija** izda ftit wara, meta hu kien f'Milan u **li seta' jcemplilha u jkellimha liberalment,** talabha biex tikkuntatja lil Pulizija u fil-fatt l-ex Superentendent Peter Paul Zammit kien cempillu lura. Mitlub jispjega il-ghaliex, meta kien wahdu f'Milan, ma hax il-passi kollha mehtiega biex jinforma lil Pulizija ta' Milan bl-affarijiet kollha li kienu qeghdin jigru, l-imputat xehed **illi huwa kien informa b'dak li kien qed jigri lil Magistrat Maria Gueli** u li din kienet qaltlu illi l-Pulizija Taljana ma kelliex Gurisdizzjoni fuq dak illi gara l-Isvizzera.

A fol.367, l-imputat baqa jishaq illi r-rikors gie mfassal mill-ex Surgent Mario Camenzuli u ttajpjat minn fuq il-*computer* ta' l-ex Superentendent Peter Paul Zammit u kien ipprezentat Dr. Tonio Azzopardi.

Mitlub jispjega jekk verament kienx ristrett waqt illi kien fl-Isvizzera u kif jista' jipplaka dan meta allega illi sahansitra kien mar go dar jitkellem ma' Roger Meibach fl-Isvizzera, l-imputat xehed illi hu tkellem ma' Meibach go *bar* ftit appartat mill-kredituri l-ohra u Mario Camenzulli. A fol.370, l-imputat baqa' jishaq illi l-kredituri u Camenzuli **kienu jsakkruh fil-kamra b'cavetta illi kienet tissakkar biss minn barra** u li minn gewwa ma setghax jiftah u dana ghaliex kienet hotel antik.

A fol.371, l-imputat rega kkonferma illi l-ex Surgent Mario Camenzuli kien jorqod gharwien. Mitlub jghid il-ghaliex stqarr illi meta Camenzuli attakkah sesswalment, neza l-qalziet ta' taht tieghu, l-imputat (a fol.371) jghid illi dak kien jorqod gharwien u daqqa kien jorqod bil-qalziet ta' taht. A fol.371, l-imputat ikkonferma illi Roger Meibach ma kienx bankier tieghu u li ma kellux x'jaqsam mieghu. Mitlub jghid kif jipplaka l-*istatement* tieghu fejn qal: *"Cempilt lil Roger Meibach sabiex jiltaqa' maghna Lugano",* l-imputat (a fol.371), xehed illi **kien Joe Micallef**

illi cempillu u li huwa ghaddielu lil Roger Meibach fuq it-*telephone* u kelmu minn fuq it-*telephone*.

A fol.374, l-ex Kummissarju tal-Pulizija George Grech, xehed illi l-imputat, Olaf Cini, kien gie jkellmu u li kien ma’ xi avukat dwar allegazzjonijiet fuq membri tal-Pulizija.

Elvira Cini (a fol.376) tat ir-rakkont taghha ta’ kif is-Surgenti tal-Pulizija: Mario Camenzuli, Joe Micallef u Tony Ghigo dahlu fid-dar taghha, habtu ghall-imputat **u bdew isawwtuh go wiccu u jfittxu ghac-cavetta**. Illi meta din ic-cavetta ma nstabitx, huma daru fuqhom, cioe fuqha u fuq ir-ragel taghha, Joe Micallef beda jippretendi garanzija ta’ *two thousand five hundred pounds* (Lm2,500) minghandhom. Illi fil-fatt Joseph Micallef kien wassalhom bil-karozza sa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar u telghu fuq. Elvira Cini xehed illi hija ma cemplitx lil avukat taghha biex isaqsi parir fuq din il-garanzija u pprovat iccempel lil ex Seperentendent Peter Paul Zammit, izda dan kien bil-*leave* u ma setghatx taqbdu.

A fol.381, Elvira Cini xehedet illi **hija ma qratx l-iskrittura il-ghaliex bdiet tibza** u kellha hass hazin fuqha u lanqas ma talbu l-assistenza l-Pulizija fl-Ghassa, u li hi ffirmatha. Elvira Cini xehedet illi l-imputat kien ha biss *suit* u ma ha ebda *pygamas* mieghu.

A fol.386, Jack Grech, *Correctional Supervisor* fil-Facilita’ Korrettiva tal-Habs, xehed illi l-imputat wera mgieba tajba waqt illi kien qed jiskonta sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinstab akkuzat bir-reat li akkuza persuna quddiem aworita’ kompetenti b’akkuza falza, jinstab akkuzat b’akkuza ta’ malafama u li halaq tracci ta’ reat kif ukoll bir-recediva.

Fir-rigward tal-malafama, mill-atti processwali ma jirrizultax kwerela da parti ta’ Mario Camenzuli. Lanqas ma jirrizulta mill-atti processwali, okkorrenza ta’ rapport verbali maghmul mill-istess kwerelant Camenzuli. L-

akkuza ta’ malafama, skond l-Artikolu 255 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **mhiex prosegwibbli hlief bil-kwerela tal-parti offiza:**

***“Ghall-ingurja ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza.”***

Illi ghaldaqstant u f’mankanza ta’ tali kwerela jew prova ta’ okkorrenza, l-atti processwali, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat.

Illi Olaf Cini jinstab mixli bir-reat ta’ kalunja mahsub fl-Artikolu 101 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u bil-konsegwenti interdizzjoni generali minn hames sa ghaxar snin mahsub fl-Artikolu 109 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi minkejja illi fic-citazzjoni l-imputat gie mixli bit-tielet u r-raba’ akkuza u cioe bir-reat ta’ holqien qarrieqi ta’ provi foloz ai termini ta’ l-Artikolu 110 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avukat Generali, fl-Artikoli mahruga minnu (a fol.209) jidher illi irtira dawn l-akkuzi ghaliex ma tnizzilx l-Artikolu 110 tal-Kap.9 fost l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali.

Il-Qorti ghaldaqstant ser tiffoka fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 101 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe l-kalunja. Dawn il-proceduri nbdew in segwitu ta’ allegazzjonijiet maghmula mill-imputat fil-gurnal (The Independent ta’ l-14 ta’ Marzu 1999) fuq agir, allegatament kriminali, ta’ Surgent tal-Pulizija Mario Camenzuli (ara Dok.CB1 a fol.58). In segwitu ta’ dawn l-allegazzjonijiet serji, twettqu indagni mill-Pulizija ma’ l-istess imputat sabiex il-kaz jigi investigat kif imiss.

**In fatti mill-istess xhieda ta’ l-imputat (ara fol.349) jirrizulta b’mod ampju illi <u>kien huwa</u> li kellem lil Kummissarju tal-Pulizija George Grech u ghamel *complaint* formali mieghu fuq arrest illegali u l-agir abuziv tas-Surgent Camenzuli.** A fol.364 u fol.365, l-imputat jerga’ jammetti illi huwa kien mar biex jaghmel rapport lil Kummissarju tal-Pulizija u jghid dawn il-precizi kliem:

***“No no jiena kont tlabt biex inkellmu* (Lil Kummissarju tal-Pulizija)*, hu kien baghat ghalija, that’s what I meant.”***

Illi mill-provi estensivi f’dan il-kaz, b’mod specjali ghal dak illi l-imputat jghid fl-istqarrija, kif ukoll fit-testimonjanza twila quddiem din il-Qorti, **din l-istess Qorti bl-ebda mod ma tista’ tilqa’ il-verzjoni ta’ l-imputat bhala wahda kredibbli, verosimili jew li ghandha mis-sewwa a tenur ta’ l-Artikolu 639 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta**. Dan qieghed jinghad il-ghaliex it-testimonjanza ta’ l-imputat hija mzewqa b’inkonsistenzi kbar u addirittura gideb sfaccat fejn l-imputat jasal ghal xi semblanza ta’ verita’ biss wara li jkun **issikkat ripetutament** mill-prosekuzzjoni jew mill-Qorti. Ezempji ta’ dawn huma numeruzi, u bil-kemm tilhaq tispicca gidba, meta titfacca ohra. Uhud minn dawn l-inkonsistenza gew emfasizzati “in bold” f’din is-sentenza u l-Qorti ser isemmi biss il-fattizzi ewlenin ta’ fejn it-testimonjanza ta’ l-imputat ma ghandha xejn mis-sewwa. Hekk, per ezempju, l-imputat jibda t-testimonjanza tieghu, bi premessa illi huwa **kien sfurzat** illi jsiefer sabiex jirrikovera flejjes tieghu fl-esteru li kienu dovuti lil terzi u li kien eskortat f’din is-safra minn PS Camenzuli. Illi l-atti processwali juru **illi kien l-imputat illi intavola din it-talba ghas-safar** u li meta sar dan huwa kien prezenti fil-Qorti tal-Magistrati, **assistit mill-avukat difensur tieghu Dr. Tony Azzopardi**. Illi l-fatti kollha tal-kaz in ezami, juri illi wara illi l-kredituri tieghu kienu diga’ nefqu hafna flus f’diversi vjaggjar barra minn Malta, bil-weghediet fiergha ta’ l-imputat li ser jithallsu mill-fondi mill-istess imputat li kellu ghall-esteru, il-kredituri Joe Fava, Jean Pierre Fava, Martin Bonnici, Anthony Ghigo u Joseph Micallef regghu vjaggjaw barra minn Malta bil-weghediet ta’ l-imputat ghal hlas mill-akkonti bankarji esteri tieghu.

Illi kif jammetti l-istess imputat, Olaf Cini **qatt ma kellu intenzjoni illi jinnegozja mal-banek tieghu sabiex isir il-hlas dovut u li ghal darb’ohra l-kredituri kollha tieghu gew ingannati.** Illi l-ingann ta’ l-imputat kien tant sofistikat illi sahansitra implika lil Maria Gueli, **Ufficjal gholi fil-Gwardia di Finanzi**, u Meibach, **Financial Advisor ma’ Merill Lynch**, illi sahansitra Gueli spiccat

biex prattikament attakkat fizikament lill-imputat u widbitu ma jibqax ideffisha fl-imbrolji tieghu u ammettiet mal-kredituri illi l-imputat kien iddefrodixxa anka lilha nnifsa.

Illi l-allegazzjonijiet illi ghamel l-imputat ma jaghmlu ebda sens meta wiehed jezamina allegazzjoni fil-fond, stante li f'nifs wiehed l-imputat jghid li kien mizmum prattikament taht arrest, *under lock and key*, immanetjajt minghajr ma jista' jaghmel telefonati lil familjari tieghu u f'nifs iehor jghid illi ma kienx imsakkar, pero' ordnat biex ma johrogx minn kamartu waqt li ftit wara jammetti illi hu kien intbghat Milan wahdu sabiex permezz ta' Gueli, ikun jista' jikseb il-fondi ghal kredituri!

Illi meta suppost kien mehlus, **l-imputat ma ghamel ebda kuntatt mal-Pulizija estera fuq l-arrest illegali tieghu, fuq l-attakk sesswali, fuq l-*extortion*, fuq il-*kidnapping* tat-tifla tieghu, fuq griehi li sofra bis-swat ta' Camenzuli u l-kredituri**. Lanqas ma ghamel dawn l-allegazzjonijiet lill-Pulizija f'Malta mill-esteru. **Illi minkejja s-swat li jghid li qala f'idejn Camenzuli u l-kwerelant, l-imputat ma mar ghand ebda tabib ghal karta jew certifikat mediku. Lanqas ritratt ta' dawn il-"griehi" ma jezisti.**

Li johrog lampanti f'dan il-kaz hu l-fatt li l-imputat huwa ***a compulsive liar*** u li meta kien jaf ben tajjeb li ma kellux intenzjoni li jhallas lill-kredituri ghal darba ohra hallihom jonfqu spejjes, hin u tragitti ghalxejn.

Il-Qorti tinnota ulterjorment illi minkejja d-diversi allegazzjonijiet fuq indikati li ddenunzja l-imputat lil Kummissarju tal-Pulizija, hija biss l-ewwel akkuza u cioe denunzja da parti mill-imputat fuq attentat vjolenti ghal pudur (fil-konfront ta' Mario Camenzuli) illi biha jinstab mixli.

Illi x-xhieda ta' Mario Camenzuli, l-artikolu tal-gazetta The Malta Independent, kif ukoll l-istqarriji u x-xhieda ta' l-imputat stess jipprovaw, bla dubju dettat bir-raguni, illi l-istess imputat iddenunzja lil Kummissarju tal-Pulizija personalment dan l-imsemmi reat meta l-istess imputat

kien jaf illi kienet akkuza falza u li ghaliha kien hemm piena ta’ prigunerija.

Illi l-Qorti tippreciza illi r-reat ta’ attentat vjolenti ghal pudur mahsub fl-Artikolu 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jimporta mieghu prigunerija minn tlett xhur sa sena u ghaldaqstant il-piena applikabbli ghal kalunja hija dik imsemmija fl-Artikolu 101(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal rigward ta’ l-akkuza ta’ recediva, l-Qorti rat is-sentenzi ezebiti u cioe Dok.CBX2, Dok.CBX3 u in oltre’, rat il-verbal tad-Difiza tal-15 ta’ Gunju 2006, fejn l-avukat difensur ta’ l-imputat, ezenta lil Prosekuzzjoni mix-xhieda ta’ l-identita’ u l-imputat accetta dawn is-sentenza fuq indikati bhala mghoddija in gudikat fil-konfront tieghu. (ara fol.305) Illi ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema illi l-Prosekuzzjoni rrnexxiela tipprova l-hames (5) akkuza skond il-Ligi.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Olaf Cini, hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza ta’ malafama, stante nuqqas ta’ kwerela da parti ta’ Mario Camenzuli, li minnha tilliberah; mhux tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza stante li dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Avukat Generali; hati tal-hames (5) akkuza, u wara li rat l-Artikoli 101(1)(b), 109, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal disgha (9) xhur prigunerija u tordna l-interdizzjoni generali ta’ l-imputat ghal perijodu ta’ hames (5) snin, inkluz interdizzjoni li l-imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala Perit f’kull kaz li jkun.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, is-serjeta’ ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------